# MINUTI

## Laqgħa b'urgenza tal-Kunsill Lokali Bormla

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 07/2024

12 ta' April 2024

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fl-4:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Marco Agius - Sindku
Noyah Spiteri Hammett - Vici-Sindku
James Cauchi - Kunsillier
Martin Vella - Kunsillier
Johann Scerri - Kunsillier
Rita Gatt - Kunsilliera

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Melanie Agius - Kunsilliera

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**07.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

Il-Kunsilliera is-Sa Melanie Agius bagħtet ittra t'apoloġija sabiex tiġi skużata mis-seduta datata 12 t' April 2024.

**07.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti**

Id-deputat segretarju eżekuttiv bagħtet il-minuti numru 7 permezz ta' imejl fejn ġew approvati mil-kunsillier is-Sur James Cauchi u ġew is-sekondati mis-Sa. Rita Gatt.

**07.3 Kommunikazzjonijiet mis-Sindku**

**07.3.1** Is-sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti li l-wirjiet tal-Gimgħa l-Kbira u r-riċivimenti mar kollox kif kien mixtieq.

**07.3.2** Id-deputat seg. Eżekuttiv wara li s-sindku ma kellux aktar kommunikazzjonijiet għaddiet ir-rapport tal-minuti tal-laqħa li attendiet mal-Community Policing iżda kien hemm diżgwit mas-Sa. Noyah Spiteri Hammet għaliex riedet li bħala viċi sindku tkun preżenti f'din il-laqgħa u mhux tmur id-deputat segretarju eżekuttiv waħida. Id-deputat segretarju eżekuttiv spjegat li l-invit għal din il-laqgħa kien biss għas-sindku u d-deputat segretarju eżekuttiv biss għalhekk is-Sa. Noyah Spiteri Hammet saħqet li meta jkun hemm invit bħal dan hi bħala viċi sindku jew xi kunsillier/a ikunu preżenti, id-deputat segretarju eżekuttiv irrispondiet li ser tgħid lil Community Policing għaliex l-invit għal-laqgħa joħroġ minn għand il-Commuity Policing u mhux mil-kunsill. Wara dibatitu bejn il-viċi sindku u s-sindku għal nofs siegħa, id-deputat segretarju eżekuttiv staqsiet jekk il-kunsilliera preżenti iridux jisimgħu dak li intqal f'din il-laqgħa mal-community police u kull min kien preżenti xtaq jismgħa dak li kienet ser tirraporta d-deputat segretarju eżekuttiv.

Id-deputat segretarju eżekuttiv bdiet taqra l-punti li ntqalu fil-laqgħa tal-5 t' April 2024:

Il-*Community Policing* qed jitolbu li :

- bollards fi Triq Santa Tereża k/m Triq ir-Regatta ( dawn qed jitolbu dawn il-bollards minħabba xi aċċidenti) il-viċi sindku Noya Spiteri Hammet qalet li f'seduti preċedenti il-Kunsillier is-Sur Johan Scerri ma kienx approva din id-deċiżjoni u għalhekk ser tibqa issostni dak li kien intqal f' seduta preċedenti, u ħarġet mil-laqgħa għal ftit minuti. Is-Sindku is-Sur Marco

Agius qal sabiex nistennew lis-Sur Johan Scerri jidħol fil-laqgħa u din il-materja terġa tiġi diskussha.

- Parking tal-muturi fejn realto – Id-deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tibgħat lil TM dwar dawn il-parkeġġi.
- Triq Matty Grima jistgħu issiru xi pjanti mil-mina l-isfel- il-Kunsilliera preżenti qablu dwar dan, il-kunsillier Martin Vella żied jgħid li importanti li jissaqew u jkun hemm għajnuna mill-ġirien sabiex dawn il-qsari jibqgħu fi stat tajjeb il-kunsilliera qablu dwar dan.

- Triq Santa Margherita k/m Triq il-Gendus jistgħu issiru bollards fuq yellow lines – Il-Kunsilliera preżenti qablu ma dan għalkemm il-kunsillier Martin Vella qal li t-trakkijiet ma jgħaddux minn hemm. Is-Sindku is-Sur Marco Agius, il-viċi sindku is-Sa. Noyah Spiteri Hammet, il-kunsillier James Cauchi, il-Kunsilliera Rita Gatt qablu ma dan.

- Wara l-Każin tal-banda jistgħu issiru bollards fil-kantuniera fejn Pavia fuq żewg kantunieri – Il-Kunsilliera qablu li mhux vijabli li jsiru bollards hemm.

- Fin-Niżla int u sejjer għax-xatt lejn ir-regatta klabb nistgħu nagħmlu bollard tal-ħadid għaliex qed tkun ta periklu għal pubbliku li jinżlu u jitilgħu karrozzi mit-tela' – Il-Kunsilliera preżenti qablu ma din il-bollard. Il-kunsillier is-sur Johan Scerri daħħal fis-seduta fil-5.15pm

- Fejn il-Cospicua Rangers tista issir New Lantern – Il-Kunsilliera preżenti qablu dwar din il-bozza ġdida.

- Jekk issiru xi dwal fuq Verdala Barracks dawn għandhom issiru fl-għoli

- Bollards fi Triq Santa Tereża k/m Triq ir-regatta  għaliex qed jipparkjaw fuq din central strip / bankina u hija perikoluża għat-traffiku – Wara li is-Sur Johan Scerri ingħaqqad mal-kunsilliera preżenti reġgħa ġie diskuss dawn il-bollards fi Triq Santa Tereża  fejn ma jaqbilx li issiru bollards iżda jkun hemm puluzija li jgħati iċ-ċitazzjonijiet meħtieġa jekk ikun hemm xi karozza wieqfa hemm. Is-Sinkdu is-Sur Marco Agius u il-kunsillier is-Sur Martin Vella jaqblu li għandhom issiru iżda il-Viċi Sindku is-Sa Noyah Spiteri Hammet u l-Kunsillier Johan Scerri u il-Kunsillier is-Sur James Cauchi u is-Sinjura Rita Gatt ma jaqblux li jsiru.

**07.3.3**

Id-deputat Segretarju Eżekuttiv staqsiet x'ġara mill-bord għal-vakanza tal-Librar/a – Bord magħżul ?? Min huwa dan il-bord ? Il-Kunsilliera preżenti ikkonfermaw li l-bord kien kompost mil-viċi sindku is-Sa Noyah Spitri Hammet, il-Kunsillier is-Sur Johan Scerri u l-kunsilliera is-Sa. Rita Gatt u s-Sa. Ramona Falzon l-assitat principal tal-

kunsill ta' Bormla u żewġ impjegati mill-librerija pubblika. Id-deputat seg. Eżekuttiv ser treġa tikkomunika mal-bord sabiex jintlaħaq ftehim meta jistgħu issiru dawn l-intervisti ta' min applika jekk għadhom interessati. Il-Kunsill irrid ikollu *agreement* mal-librerija pubbliċi għaliex il-paga tal-librara titħallas parti mill-kunsill u parti mill-librerija publika dan l-arranġament ukoll kien jitlob li l-kotba li jinxtraw huma tal-librerija pubblika u mhux tal-kunsill għallhekk kull ktieb li jinxtara irrid jiġi ikattalogat
**07.3.4** mill-librerija pubblika.

l-Kunsill ser jiġbor kwotazzjonijiet biex jinxtraw bankijiet fi :

Triq il-mitħna 1
Fejn il-Venda tal-karozzi 2
Fuq il-librerija 2

Kwotazzjoni oħra għal xiri ta' Hibiscus u Pots – Triq Matty Grima ( Pjazza l-isfel mill-
**07.3.5** mina u Triq San Mark u Triq Alesandra. Il-Kunsilliera preżenti qablu li għandhom jiġbru l-kwotazzjonijiet u jinxtraw dawn il-bankijiet u pjanti.

Is-Sindku ikkomunika li xi voluntiera ser jikkontribwixxu sabiex jiġi irranġat fejn Ġnien Hubbard Flats u l-kunsill jixtri xi materjal sabiex dawn il-voluntiera jirranġaw il-madwar. Il-Viċi Sindku is-Sa. Noyah Spiteri Hammet xtaqet li jiġi tranġat mil-kunsilliera stess, għalhekk id-deputat seg eżekuttiv staqsiet min jixtieq li jieħu sehem f'dan it-tisbieħ jew tranġar tal-madwar ta' Hubbard Flats. Is-Sa. Spiteri Hammet staqsiet x'jirrikjedi ix-xogħol u s-sindku qal li jridu jittranġaw xi ċnut u tiżdied xi ħamrija, is-Sa. Spiteri Hammet xtaqgħet li tati l-għajnuna tagħħa flimkien
**07.3.6** mal-kunsilliera.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ikkumentat dwar l-applikazzjoni għal-meter ġodda għal-cctv mal-Arms fejn dawn tmexxew bin-notification number għall-kull applikazzjoni u l-kunsill għandu jisma' ma jdumx minn għand l-ingineer is-Sur Norman Zammit dwar dawn l-applikazzjonijiet tat-toroq :

Triq Wesgħat in-Nattivita
Fuq Verdala
Triq l-Irlandiżi
**07.3.7** San Ġwan T'Għuxa

Id-deputat segretarju eżekuttiv ikkomunikat mal-kunsilliera preżenti li iltaqgħet mal-Perit tal-kunsill sabiex tiddiskuti l-proġetti li hemm pendenti.

Nhar it-Tnejn 15 t' April 2024 il-perit u d-deputat seg. eżekuttiv ser jiltaqgħu mal-kuntrattur tad-Delta Projects dwar il-proġett ta' San Ġwann T'Għuxa minħabba xi diżlivelli u b'hekk il-kuntrattur ikun jista jibda.

Proġett tat-3 fanali fi Triq Pjazza Nattivita ser jiġi dikus mal-public works u l-enemalta fejn ser issir it-trinka minħabba d-dawl.

Dwar il-proġett tal-24 fanal f' daħlet tlett ibliet trid tinħareġ BOQ u nibdew id-dokumenti għat-tender. Dan huwa baġit mil-202,000 ewro, iżda jekk dan issir ser ikun hemm piż fuq il-fondi tal-kunsill għaliex min dawn il-fondi irridu joħorġu fondi għall-proġett ta' Santa Margerita ( Tender for the embelishment of the existing garden at Triq il-Ġubilew tal-fidda, Bormla ) li huwa stmat li jiġi 120,000 ewro u l-bandli u l-fanali tal-verdala barracks, apparti minn hekk il-kunsill ukoll irrid joħroġ 20,000 ewro sabiex iżid mal-fond li jingħata mid-dlg għal short play festival.

Id-deputat segretarju eżekuttiv ġabet il-kwotazzjoni mil-perit sabiex jiġi ittranġat il-Verdala Barracks u l-bandli li din hija madwar 80,000 ewro.

Dwar il-proġett Ground Peppi Delceppo hemm il-bandli armati u qed jistenna l-kolla għada 13 t' April 2024 għandha tidħol bis-shipping fejn il-kuntrattur ikkonferma li sa l-aħħar t' April għandu jkun lest il-ground. Dwar il-kmamar ta' changing rooms, showers u cafeteria dan mhux inkluż fit-tender tal-ground.

07.3.8 Id-deputat segretarju eżekuttiv resqgħet ukoll il-BOQ li ħareġ il-perit għal-iskema SPI/SCI/02/2024 – Finanzjament – komunitajiet aktar b'saħħithom u inklussivi dwar ir-railing fejn l-AUM li dan huwa stmat li jiswa madwar 70,000 ewro, l-accountant tal-kunsill bagħtet id-dikjarazzjoni tagħha iżda hija tibbaża fuq il-fondi li hemm fil-kunsill bħall issa u mhux dwar l-ispejjeż l-oħra tal-proġetti li għadhom irridu jiġu implimentati, għalhekk għlkemm xorta huwa tard biex tapplika il-kunsill ma jkunx f'pożizzjoni li joħroġ il-kumplament tal-ispejjeż tal-20 %. Il-kunsill ukoll irrid jieħu inkonsiderazzjoni jekk din it-talba tiġiex awtorizzata u jinħareġ il-permess mill-PA. Il-kunsillier is-Sur Johan Scerri issuġġerixi sabiex issir bħal ċint u railing sabiex innaqqs l-ispejjeż. Id-deputat segretarju eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li għall kull BOQ li l-perit jaħdem jinħareġ kont / spiża għal-kunsill, għalhekk hemm bżonn li jkun hemm ħsieb u jiġi deċiż fuq proġett wieħed u mhux ikun hemm ħafna stimi diffierenti. Is-Sa. Noya Spiteri Hammet issuġġerit li t-tabelli tal-ħwienet ikunu uniformi u s-suġġeriment tal-kunsillier Johan Scerri kien li jsir tisbieħ tal-pjazza iżda meta s-sindku tkellem mal-perit il-perit qallu li ma kienx hemm żmien biżżejjed biex joħroġ boq u studju dwar l-aħħar żewġ suġġerimenti. Għaldaqstant il-kunsilliera preżenti iddeċidew li dan il-proġett ma jsirx.

07.3.9 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv iddiskutiet dwar email mibgħutha mill-avukati A. Sciberras dwar l-Appell tal-Bulky fejn id-deputat segretarju eżekuttiv bagħtet l-

*awarded letters* u l-ittra tal-*unsuccessful bidder* u l-budget tat-2023 u 2024 lil avukati A. Sciberras sabiex ikunu rappreżżentati tal-kunsill.

**07.3.10** Id-deputat segretarju eżekuttiv resqgħet l-imejl minn għand is-Sa. Lianne Cassar – Regjun Port dwar l- infurzar mill Era fejn hemm link u l-kunsilliera kollha jistgħu jaraw biex jidentifikaw iż-żoni bħala infurzar. Il-Kunsilliera s-Sa. Rita Gatt resqgħet l-ilmenti tagħħha dwar l-iskart li qed ikun hemm ta' kuljum fuq Verdala Barracks.

**07.3.11** Id-deputat Segretarju Eżekuttiv resqgħet l-imejl datata 12 ta' Marzu 2024 u imejl oħra datat 10 t' April 2024 dwar is-Sa. Bernice Galea fejn tixtieq li tingħata permess li jidħol dumper fi Triq Abraham Gatt. Il-Kunsill kien qabel fis-seduta preċedenti dwar li jinqala il-poġġaman tat-taraġ sabiex il-bennej ikun jista jaħdem komdu u dan l-istess poġġaman jerġa jitwaħħal kif supposr u sadanitant jintrefa ġewwa l-bitħa tal-kunsill. Issa qed titlob li tidħol dumper f'din it-triq. Wara ħafna diskussjonijiet minħabba li t-triq hija kollu żonqor u hemm sprallijiet ta' terzi hemm bżonn li l-perit tal-kunsill jivverifika ir-rapport li jkun għamel il-perit personali tas-sinjura Galea. Is-Sa. Galea għandha wkoll ikollha insurance sabiex jekk issir ħsara lil terzi jew lit-triq il-ħsarata irridu jiġu irranġati.

(Wara siegħa u erbgħin minuta mindu bdiet is-seduta il-kunsillier is-Sur James Cachia talab li jiġi skużat għaliex inqalat xi emerġenza u b'hekk kellu joħroġ mis-seduta )

Is-Sinkdu s-Sur Marco Agius u l-Kunsillier is-Sur Martin Vella insistew li ma jingħatax permess bħal dan biex ma jinħoloqx preċedent għaliex kien hemm każi li ma kienux ingħataw permessi simili u s-sindku is-sur Marco Agius ma qabilx minħabba li hemm fossa fin-nofs tat-triq. Intlaħaq kompromess mill-kunsilliera Johan Scerri, Rita Gatt u l-viċi sindku is-Sa. Noyah Spiteri Hamett li kull permess simili għandu jiġi l-perit tal-kunsill u jagħmel rapport dwar l-istat tat-triq kif ukoll ta' terzi u min ikun qed jitlob tali permess għandu jġib il-perit tiegħu kif ukoll assigurazzjoni dwar ħsarat li jistgħu jinqalgħu u depożitu ta' garanzija. Is-Sur Martin Vella saħħaq li jekk ser jinħareġ dan il-permess, irridu jsiru permessi simili bħal dan bl-istess kundizzjonijiet għall-Bormla kollha. Il-Kunsilliera preżenti qablu dwar dan is-suġġett u issir din il-klawżola għal kull min irrid japplika għal-permessi simili bħal dan fit-toroq dojoq ta' Bormla.

**07.3.12** Id-deputat segretarju eżekuttiv resqgħet imejl mibgħuta minn għand is-Sur Joseph Bezzina mill-EWA dwar charging pillars indetified sites ġewwa Bormla datata 15 ta' Jannar 2024. Il-Kunsilliera qablu unanimament dwar dawn id-disa' punti tac-charging pillars li huma fuq Verdala, Triq 8 ta' Diċembru, Fuq San Pawl, Triq Xandru, Triq San Ġwann, Triq l-Irlandiżi, Triq San Pawl, Triq il-Ġubilew tal-fidda u Triq San Gwann T'għuxa. Annessi ma din l-imejl hemm ir-ritratti ta' fejn ser jiġu installati dawnn ic-charging pillars.

Id-deputat segretarju eżekuttiv resqgħet imejl datata 23 ta' Marzu 2024 minn għand is-Sur John Vella dwar preżentazzjoni tal-istorja ta' Bormla u qed jitlob permess lil

07.3.13 kunsill jekk jistax jingħata permess li tiġi eżebita din il-preżentazzjoni f' xi żona f'Bormla jew fl-uffiċċini tal-kunsill għandu bżonn screen u projector bil-laptop. Il-Kunsilliera preżenti qablu dwar din il-preżentazzjoni.

07.3.14 Id-deputat segretarju eżekuttiv resqgħet imejl datata 21 ta' Marzu 2024 fejn is-Sa. Glorianne Grima tixtieq li issir tabella ta' Assembly Point fejn iċ-Ċentru tal-Anzjani (Bormla Day Centre ) fi triq Wiġi Rosato, li ġiet mitluba mill-health and safety officer Mr. Robert Godano. Il-Kunsilliera preżenti qablu li għandha ssir hekk kif jitlesta x-xogħol infrastruturali fi Triq Wiġi Rosato.

07.3.15 Id-deputat segretarju eżekuttiv resqgħet imejl datata 29 ta' Frar 2024 minn għand is-Sur Joe Abdilla dwar xiri ta' ktieb għal-librerija sabiex ikun ta' referenza. Għandu offerta li jekk jinxtraw 10 kotba il-prezz ikun ta' 20 ewro minflok 27.30 ewro. Il-Kunsilliera qablu li għandu jinxtara wieħed għal-użu tal-librerija pubblika.

07.3.16 Id-deputat segretarju eżekuttiv resqgħet imejl datata 11 ta' Marzu 2024 minn għand is-Sur Cauchi Lawrence dwar un/loading fi Triq Wiġi Rosato fejn hemm id-Day Care Centre – Bormla Active Ageing Centre sabiex ikunu jistgħu jitilgħu u jinżlu l-anzjani u jmorru fiċ-ċentru. Il-Kunsilliera preżenti qablu dwar dan.

07.3.17 Id-deputat segretarju eżekuttiv resqgħet imejl datata 1 ta' Marzu 2024 dwar parkeġġ tad-diżabilita komuni u mhux personalizżat fi Triq Erin Serracino Inglott. Il-Viċi Sindku s-Sa. Noyah Spiteri Hammett issuġġerit li jsir studju biex dawk li m'għandhomx fil-bżonn għaliex persuna tkun ġiet nieqsa jitneħħew, iżda fejn m'hemmx u hemm bżonn issir waħda komuni qed tissuġġerixi sabiex il-kunsill jikkunsidra din it-talba. F'din it-triq hemm waħda li hija personilsed imma mhux communal għalhekk persuni oħra li għandhom il-blue badge ma jistgħux jipparkjaw fuqha. Il-Kunsilliera preżenti qablu li għandha issir parkeġġ waħda tal-Blue Badge li tkun komuni għall kull minn għandu l-Blue Badge fi Triq Erin Serracino Inglott.

07.3.18 Id-deputat segretarju eżekuttiv resqgħet imejl datata 2 ta' Marzu 2024 minn għand is-Sur Andrea Marcchioni dwar tabelli fejn issiru reklami fuqhom f' postijiet differenti. Il-kunsillier is-Sur Johan Scerri ra din l-imejl pero indika li r-ritratti tal-google maps ma jaqblux skond ma dak li qed jitlob is-sur Marcchioni għalhekk talab li jintbgħatu ritratti ta' fejn jixtieq li jsiru dawn it-tabelli tar-riklam ta' San Gioigio Restuarant.

07.3.19 Id-deputat segretarju eżekuttiv resqgħet skema dwar parkeġġi bil-ħin fejn din kienet diġa diskussa fid-19 t' Ottubru 2023 sabiex id-deputat segretarju eżekuttiv tibgħat din l-iskema lil AKL fejnkien ġie maqbul f'paġna 5 li l-kunsill kellu japplika sabiex minn ħdejn il-knisja ta' Santa Tereża sa wesgħat il-knisja tan-Nativita ikun *90 mins parking with no return within 120 min except for residents.*

Is-Sindku ressaq is-suġġeriment li hemm bżonn li xi ħadd mill-ħaddiema iħaddem l-isweeper. Il-ħaddiem irrid ikun responsabli ta' din il-magna u jidħol is-sibtijiet bejn

it-8.30 am u l-11.30 am. b'allowance u fost il-ġimgħa jmur jiknes mis-1pm sat-3pm. Il-Viċi Sindku is-Sa Noyah Spiteri Hammett issuġġerit li din l-opportunita għandha tiġi offruta lil kull ħaddiem li hu kapaċi li jħaddem din il-magna.

**7.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet mill-kunsilliera**

**7.4.1** Is-Sindku / Deputat Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali Isla
2/4, Triq San Gużepp
Isla

Jiena Johan Scerri nixtieq nistaqsi il-kunsill jista imexxi l-un/loading bay tlett parkeġġi l-isfel minn fejn qeda Fuq San Pawl ( faċċata tal-posta ) ? Jista l-kunsill jitlob permess mit-TM sabiex ikun hemm parkeġġi tal-muturi faċċata tal-każin tal-banda ?

Is-segretarju eżekuttiv wieġbet li dawn it-talbiet jitresqu lit-TM.

**7.4.2** Is-Sindku / Deputat Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali Isla
2/4, Triq San Gużepp
Isla

Jiena Rita Gatt nixtieq nistaqsi jekk il-kunsill jistax jikkonsidra sabiex issir Triq il-Madonna tal-Grazzja għaliex tinstab fi stat diżastruż.

Is-segretarju eżekuttiv wieġbet li din titressaq meta jkun hemm xi fondi allokati għal-irranġar ta' toroq f' Bormla.

**7.4.3** Is-Sindku / Deputat Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali Isla
2/4, Triq San Gużepp
Isla

Jiena Martin Vella nixtieq nistaqsi jekk il-kunsill jistax jikkonsidra li t-telefon box li hemm fi Triq tista issir bħala book shelving fejn wieħed jista jpoġġi u jieħu kotba użati b'xejn għal-użu tal-qarreja.

Is-sindku is-Sur Marco Agius kien ftit xettiku minħabba abbuż ta' vandaliżmu u wara diskussjoni qasira mal-kunsilliera preżenti intlaqħaq ftehim li dan is-suġġeriment tal-kunsillier is-Sur Martin Vella għandha tiġi implimentata u jekk ikun hemm xi tip ta' vandaliżmu jerġa jiġi kollox kif kien. Is-Sur Martin Vella ser jieħu ħsieb dawn l-ixkaffar fit-telephone Box.

**7.4.4** Is-Sindku / Deputat Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali Isla
2/4, Triq San Gużepp
Isla

Jiena Noyah Spiteri Hammett nixtieq nistaqsi dwar l-app tal-kunsill x'kien sar minnha?

Id-deputat segretarju eżekuttiv wieġbet li ser tistaqsi dwar din l-app.

**7.05 Approvazzjonijiet ta' Skedi ta' ħlasijiet**

Id-Deputat segretarju eżekuttiv resqgħet l-iskeda ta'pagamenti numru 4/2024 u l-petty cash għax-xahar ta' Marzu 2024 fuq il-mejda tas-seduta fejn ġew approvati mill-kunsillier is-sur Johan Scerri u s-sekondati mil-Viċi Sindku is-Sa Noyah Spiteri Hammett.

**7.06 Mozzjonijiet**

**7.06.1** Ma kienx hemm

**7.07 Sejħiet għall-Offerti**

**7.07.1** Is-Sur Duncan Hall is-segretarju preċedenti ġie mistieden sabiex jispjega lil kunsilliera it-tender tal-Proġett Santa Margerita ( Tender for the embelishment of the existing garden at Triq il-Ġubilew tal-fidda, Bormla ) fejn id-deputat bagħtet id-dokument tat-tender għal-approvazzjoni tal-kunsilliera sabiex jjitella' l-avviż fuq il-gazzetta tal-gvern nhar it-Tlieta 16 t' April 2024. Wara li ġiet diskussa l-BOQ li l-bagit għal-din hija ta' madwar 120,000 ewro fejn dawn il-fondi huma 80% mill-iskema tad-dlg. Ġie diksuss li l-bandla l-kbira tad-diżabilita li hemm fejn il-klabb tal-boċċi ser titmexxa fi Triq il-Ġubilew tal-fidda. Il-kunsilliera preżenti qablu ma dan it-tender biex jiġi ippublikat.

**7.08 Rapporti**

Ma kienx hemm

**7.09 Aġġornament tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss**

**7.09.1** Is-Seduta ntemmet fit-7:45pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 7 ta' Mejju 2024 fil-5:00p.m

Konfermati, illum 7 ta' Mejju, 2024

IFFIRMATA

____________________

**Marco Agius**
Sindku

IFFIRMATA

_________________________

**Graziella Gellel**
Deputat Segretarju Eżekuttiv